Il-Kummissjoni Ewropea

# Il-Fond Soċjali Ewropew fuq il-post tax-xogħol

## Aktar impjiegi, inqas marġinalizzazzjoni



Xi ħadd li qiegħed jaħdem huwa inqas f'riskju ta' faqar u aktar involut fis-soċjetà. Iżda s-suq tax-xogħol ma joffrix kondizzjonijiet ekwi. Ċerti gruppi soċjali u individwi jistgħu jsibuha aktar diffiċli sabiex isibu x-xogħol. Kemm jekk minħabba l-oriġini etnika, l-edukazzjoni, diżabilità jew l-età – għadd ta' nies isibu s-suq tax-xogħol magħluq għalihom. Il-klima ekonomika diffiċli sempliċiment tkompli tkabbar il-problema.

Il-proġetti appoġġjati mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE) jgħinu lil dawk li jistgħu jaqgħu fix-xibka ta' politiki nazzjonali li jimmiraw li jnaqqsu l-qgħad u l-faqar.

Bejn l-2007 u l-2013, terz tal-persuni kollha fil-mira tal-proġetti tal-FSE kienu jappartjenu għal gruppi żvantaġġjati: 9% kienu persuni b'diżabilità, 12% kienu immigranti, 4% kienu jappartjenu għal gruppi ta' minoranza bħar-Roma u 9% kienu rrapportati bħala li jappartjenu għal gruppi vulnerabbli oħrajn.

Il-Fond jieħu approċċ fuq żewġ binarji sabiex ineħħi l-ostakoli li jżommu lil ċerti nies milli jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-soċjetà bil-għan li tiġi evitata l-esklużjoni soċjali. Ċerti proġetti tal-FSE jaħdmu direttament ma' persuni li jinsabu f'riskju, permezz ta' taħriġ, konsulenza u opportunitajiet ta' xogħol aħjar. Proġetti oħrajn jindirizzaw il-perċezzjoni pubblika u s-sistemi soċjali, iżidu l-għarfien dwar l-effetti tal-preġudizzju u jtejbu s-servizzi pubbliċi.

# Il-FSE – jinvolvi lil kulħadd b'mod attiv

## Permezz tat-tkissir taċ-ċiklu tal-faqar billi jiddaħħlu aktar nies fis-suq tax-xogħol...

Fir-rigward tal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, il-FSE qiegħed jintuża b'diversi modi f'kull parti tal-UE, fil-kuntest tal-kulturi u l-ħtiġijiet tal-persuni involuti. Iżda l-mira tibqa' l-istess: li n-nies jiġu megħjuna jidħlu fis-suq tax-xogħol u permezz ta' dan, jitkisser iċ-ċiklu tal-faqar u tal-marġinalizzazzjoni. L-impriżi soċjali jistgħu jgħinu sabiex tintlaħaq din il-mira.

Għalkemm dawn in-negozji huma kummerċjali, l-għan primarju tagħhom mhuwiex li jagħmlu profitt iżda li jservu lill-komunitajiet tagħhom. Mod wieħed ta' kif jagħmlu dan huwa billi joħolqu l-impjiegi għal dawk il-persuni li altrimenti jispiċċaw jibqgħu qiegħda. Il-FSE jappoġġja firxa ta' impriżi bħal dawn, bħal The Welcome Cafè fl-Isvezja, li tagħti lill-immigranti nisa ċ-ċans li jitgħallmu l-Isvediż waqt li jaħdmu skont l-abbiltajiet tagħhom.

Is-sħubiji bejn l-organizzazzjonijiet, inkluż fil-livell tal-komunitajiet lokali, jistgħu jkunu strumentali fl-indirizzar ta' ħtiġijiet speċifiċi f'reġjun partikolari. Il-Fond jista' jintuża biex jgħin lin-nies jiksbu l-għarfien, il-ħiliet u t-tagħmir li jeħtieġu sabiex imexxu proġetti fil-komunitajiet tagħhom bil-għan li jindirizzaw il-kwistjoni kumplessa tal-inklużjoni soċjali.

L-għoti ta' opportunitajiet lin-nies huwa waħda mill-prijoritajiet tal-Fond, iżda jeħtieġ li n-nies ikunu lesti jaħtfu dawn l-opportunitajiet. 'Il-mogħdijiet integrati lejn ix-xogħol' jistgħu jgħinuhom jagħmlu dan.

Dan il-kunċett jinvolvi konsulenza individwali sabiex jiġu identifikati t-tamiet u l-ħtiġijiet tal-parteċipanti u jiddaħħal fis-seħħ taħriġ rilevanti. Ladarba l-parteċipanti jkollhom il-ħiliet meħtieġa, dawn imbagħad ikunu akkumpanjati fit-tfittxija tagħhom għall-impjiegi minn għajnuna u pariri dwar l-applikazzjonijiet u l-intervisti. Meta jsibu xogħol, huma jkomplu jingħataw appoġġ, ta' spiss b'kooperazzjoni ma' min iħaddimhom.



# Permezz ta' enfasi fuq il-persuni vulnerabbli…

L-abbuż mid-droga u mill-alkoħol, in-nuqqas ta' abbiltà li titkellem bil-lingwa tal-lokal, in-nuqqas ta' akkomodazzjoni, il-kura ħażina tas-saħħa, id-dejn jew l-aċċess limitat għall-edukazzjoni kollha jżommu lin-nies emarġinati. Ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni jipprevjenu wkoll lin-nies milli jkollhom rwol attiv fis-soċjetà tagħna.

Il-proġetti appoġġjati mill-FSE jipprovaw jiġġieldu dawn l-ostakoli billi joffru konsulenza, taħriġ u edukazzjoni, appoġġ għal dawk li jaħdmu għal rashom u aċċess għall-kura tas-saħħa.

Fil-każ tal-persuni li ġejjin mill-komunitajiet Roma, l-akbar minoranza etnika tal-UE, ċerti proġetti tal-FSE qegħdin iġibu medjaturi u assistenti mill-komunità fl-iskejjel sabiex jgħinu ħalli titwitta t-triq għat-tfal Roma. Proġetti oħrajn qegħdin jippreżentaw mudelli eżemplari tar-Roma bil-għan li jservu ta' ispirazzjoni u motivazzjoni għaż-żgħażagħ sabiex jibqgħu fl-edukazzjoni. Għal dawk li jaħdmu għal rashom, il-FSE jappoġġja lin-nisa Roma li jkunu jixtiequ jiftħu l-impriżi artiġjanali tagħhom.

Iżda dawn l-inizjattivi ma jiqfux mal-persuni Roma. Għadd ta' persuni b'diżabilità f'Berlin qegħdin jibbenefikaw minn approċċ ġdid għat-taħriġ vokazzjonali grazzi għas-servizzi ta' interpreti kkwalifikati fil-lingwa tas-sinjali. Persuni dipendenti fuq id-droga f'Berlin qegħdin jiġu mgħejuna wkoll isibu modi ta' tagħlim li jaħdmu għalihom permezz tal-użu ta' skedar flessibbli. Fi Spanja qegħdin jiġu promossi wkoll metodi ġodda ta' taħriġ, fejn Galicia qiegħda tuża l-appoġġ tal-FSE sabiex toffri korsijiet modulari f'ħiliet bażiċi għall-persuni mingħajr kwalifiki.



## It-twaqqif ta' programmi għal 'studenti speċjali' fl-Estonja

Fil-belt ta' Tallinn hemm ċentru ta' akkoljenza ta' matul il-jum li joffri appoġġ lil tfal u persuni adolexxenti b'diżabilitajiet. Flimkien mal-attivitajiet ta' rijabilitazzjoni, iċ-Ċentru Käo ilu mis-sena 2000 jaħdem fuq it-titjib tal-indipendenza tat-tfal li jospita permezz ta' klassijiet fejn dawn it-tfal jingħataw il-ħiliet u l-abbiltà li jieħdu ħsieb tagħhom infushom.

Iżda l-parteċipanti li lestew l-edukazzjoni bażika tagħhom ma setgħux ikomplu jitħarrġu fi programmi vokazzjonali, anki li kieku riedu, minħabba li ma kien hemm ebda programm li kien adattat għall-ħtiġijiet tagħhom.

Iċ-Ċentru, b'kooperazzjoni maċ-Ċentru tal-Edukazzjoni Kontinwa tal-Università ta' Jyväskylä fil-Finlandja, uża l-appoġġ tal-FSE sabiex joħloq korsijiet u jħarreġ lill-għalliema sabiex ikunu jistgħu jgħallmu lill-istudenti bi bżonnijiet speċjali.

Bejn l-2007 u l-2008 ġew imħarrġa tletin għalliem u għalliema u issa qegħdin jiġu offruti żewġ korsijiet għal dawk li jridu jibdew programm vokazzjonali fiċ-ċentru.

# Permezz tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni…

Il-FSE jgħin lin-nies jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom u jiksbu l-kunfidenza li jeħtieġu sabiex isiru parti mill-komunitajiet usa' tagħhom.

Bil-għan li jimmira għad-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, u fis-soċjetà b'mod ġenerali, il-Fond qiegħed jaħdem sabiex iżid l-għarfien dwar il-problema u jgħin lin-negozji jadottaw prattiki aħjar. Pereżempju, il-proġett 'Berlin Needs You!' ("Berlin għandha bżonnok") qiegħed juża l-appoġġ tal-FSE sabiex jinkoraġġixxi u jgħin lil dawk li jħaddmu, primarjament fis-settur pubbliku, sabiex jimlew sa kwart tal-apprendistati tagħhom b'żgħażagħ bi sfond ta' immigranti. Matul l-ewwel tliet snin, l-għadd ta' apprendisti fis-settur pubbliku kważi rdoppja.

KE-01-13-576-MT-N

## Approċċ innovattiv għall-indukrar tat-tfal

L-isfida sabiex jinstabu faċilitajiet tajbin ta' indukrar tat-tfal tista' twassal lil xi nisa biex joħorġu mid-dinja tax-xogħol. Madwar l-Ewropa, il-kindergartens tal-Istat jistgħu jkunu ffullati żżejjed bit-tfal u l-alternattivi mmexxija mill-privat sikwit ikunu jinvolvu spiża projbittiva. Fir-Repubblika Ċeka, uħud minn dawk li jħaddmu qegħdin japprofittaw mill-appoġġ tal-FSE.

Huma qegħdin jiftħu crèches imsejħa 'Children Groups' ("Gruppi tat-Tfal"), li joperaw direttament fuq il-post tax-xogħol u li jilqgħu fihom minn sebgħa sa 24 tifel u tifla. L-indukrar jiġi pprovdut b'numru ta' modi, permezz tal-iskejjel lokali, l-impriżi soċjali jew dawk li jħaddmu stess.

Is-servizzi pubbliċi sikwit jonqsu milli jikkunsidraw ċerti bżonnijiet speċjali. Il-Fond jappoġġja dawk l-attivitajiet li huma intiżi biex itejbu l-kwalità tas-servizz offrut, permezz ta', pereżempju, taħriġ għall-persunal jew l-adattament tas-servizzi offruti.

# It-triq 'il quddiem

Aktar ma l-proġetti jibdew jaħdmu minn kmieni mal-persuni li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni, aktar ikun effettiv l-intervent. Il-Fond Soċjali Ewropew qiegħed itejjeb l-effiċjenza tiegħu billi jikkombina l-attivitajiet tiegħu ma' fondi oħrajn tal-UE bil-għan li jinkiseb impatt akbar, billi l-għajnuna tiġi mmirata għall-individwi f'kull stadju ta' ħajjithom.

Is-soluzzjonijiet ġodda għall-ħtiġijiet urġenti tas-soċjetà huma tabilħaqq aktar urġenti minn qatt qabel hekk kif il-klima ekonomika għadha waħda li toħloq ċerti sfidi. L-approċċi soċjalment innovattivi joffru triq 'il quddiem. Huma l-gruppi vulnerabbli li jintlaqtu l-aktar miż-żieda fil-qgħad. Enfasi speċjali fuq l-appoġġ għall-innovazzjoni soċjali għandha tgħin sabiex jinstabu modi kif jitnaqqas l-impatt.

Il-Fond ser ikun qiegħed jaħdem ma' msieħba lokali sabiex dawn ikunu involuti dejjem aktar, billi jappoġġjahom b'aċċess aħjar għall-finanzjament. L-istituzzjonijiet edukattivi, l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, l-NGOs li għandhom x'jaqsmu max-xogħol, mal-inklużjoni soċjali u mal-gruppi żvantaġġjati, kif ukoll l-organizzazzjonijiet ta' dawk li jħaddmu kollha għandhom kontribuzzjonijiet importanti x'jagħmlu għall-programmi tal-FSE.

**Għal aktar informazzjoni dwar il-FSE:**
**http://ec.europa.eu/esf**

Din il-pubblikazzjoni hija disponibbli f'sura elettronika fl-ilsna uffiċjali kollha tal-UE.
© L-Unjoni Ewropea, 2014
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma' s-sors oriġinali.

ISBN 978-92-79-34102-1 (epub)
ISBN 978-92-79-33347-7 (online)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

https://www.facebook.com/socialeurope

https://twitter.com/EU_Social

9 789279 333477
doi:10.2767/99852 (online)
doi:10.2767/88385 (epub)